# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 20 ta' April, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. Nru. 427/00GV**

**Doc. Nru. 65-01**

**Subway (Malta) Limited**

**vs**

**Ronald u Margaret konjugi Micallef**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2001 l-atturi talbu li jipproducu x-xhud Raphael Aloysio sabiex jikkonferma dokument li hu kien irrilaxja.

Il-konvenut kien oppona billi x-xhud ma kienx indikat fil-lista tax-xhieda u l-atturi kienu jafu b'dak ix-xhud qabel il-prezentata tac-citazzjoni.

Il-Qorti kienet laqghet it-talba u l-konvenut talab li jappella minn dak id-digriet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut qed jitlob li jappella a tenur ta' l-artikolu 229(3) tal-Kap 12.

L-artikolu 229 jelenka l-kazijiet fejn appell minn digrieti jista' jsir biss wara l-ghoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza u dawn id-degrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definitiva.

L-artikolu 229(3) tal-Kap 12 jaghti l-fakolta' lill Qorti li taghti permess specjali biex jigi interpost appell minn digrieti li ma jaqghux taht il-provvediment tas-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu, fejn f'dawk il-kazijiet l-appell irid isir wara s-sentenza definitiva.

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li appell f'dan l-istadju ser itawwal inutilment il-proceduri u ma jkunx fl-ahjar interess tal-gustizzja kif il-Qorti diga' kellha opportunita' tosserva fid-digriet taghha tal-20 ta' Marzu, 2001. Il-konvenuti dejjem jistghu jappellaw mid-digriet wara li tinghata s-sentenza definitiva.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad it-talba tal-konvenuti kontenuta fir-rikors taghhom imsemi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**